



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Jannar 2021
(OR. en)

5612/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0023(NLE)

JAI 59
FRONT 24
VISA 19
SAN 36
TRANS 28
COMIX 48

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Jannar 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 39 final
Suġġett:	Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni u li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 39 final.

Mehmuż: COM(2021) 39 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.1.2021
COM(2021) 39 final

2021/0023 (NLE)

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

**dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija
possibbli ta' tali restrizzjoni u li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE)
2020/912**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fl-10 ta' Marzu 2020, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-UE enfasizzaw il-ħtieġa għal approċċ Ewropew konġunt fir-rigward tal-pandemija tal-COVID-19. Fis-16 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni¹ li tirrakkomanda restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali minn pajjiżi terzi fiż-żona tal-UE+². Fis-17 ta' Marzu 2020, il-Mexxejja tal-UE qablu dwar azzjoni kkoordinata fil-fruntieri esterni bbażata fuq ir-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni. Fis-segwitu ta' dak il-ftehim, l-Istati Membri kollha tal-UE (bl-eċċezzjoni tal-Irlanda) u l-Istati Assoċjati ma' Schengen (minn hawn 'il quddiem "l-Istati Membri") ħadu deċiżjonijiet nazzjonali biex jimplimentaw ir-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar³. Minn dak inhar 'il hawn, din ir-restrizzjoni ġiet estiża bosta drabi⁴.

Fil-11 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni⁵ li rrakkomandat li tittawwal ir-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar sat-30 ta' Ġunju 2020 u li jiġi stabbilit approċċ għat-tneħħija gradwali tar-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali fl-UE mill-1 ta' Lulju 2020. Fit-26 ta' Ġunju, il-Kummissjoni adottat proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar ir-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE⁶.

Il-Kunsill adotta din ir-Rakkomandazzjoni fit-30 ta' Ġunju 2020⁷. Minn dak iż-żmien 'il hawn ġiet emendata ħames darbiet, fis-16 ta' Lulju, fit-30 ta' Lulju, fis-7 ta' Awwissu, fit-22 ta' Ottubru u fis-17 ta' Diċembru 2020, biex tiġi aġġornata l-lista, fl-Anness I, ta' pajjiżi terzi li tista' tneħħi r-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE għalihom. Tmien pajjiżi tneħħew mil-lista inizjali ta' 15-il pajjiż u żdied pajjiż wieħed, Singapore, u b'hekk l-għadd totali ta' pajjiżi li bħalissa għandu jkun possibbli l-ivvjaġġar mhux essenzjali minnhom lejn l-UE hija ta' tmien pajjiżi (u żewġ reġjuni amministrattivi speċjali ta' pajjiż).

Fl-istess ħin, is-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Unjoni Ewropea marret għall-aġġar fil-ħarifa u saret saħansitra aktar volatili bil-miġja tal-varjanti tal-COVID-19. Il-Kummissjoni rreaġixxiet għal dan l-iżvilupp fl-ewwel pass billi adottat ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Diċembru 2020 dwar approċċ ikkoordinat għall-ivvjaġġar u t-trasport bi tweġiba għall-varjant tas-SARS-COV-2 innutat fir-Renju Unit⁸.

Kif innutat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Jannar 2021 dwar front magħqud biex negħlbu l-COVID-19⁹, bis-saħħa ta' xjenza pijuniera u ta' sforzi politiċi u industrijali

¹ COM(2020) 115, 16 ta' Marzu 2020.

² Iż-“żona UE+” tinkludi l-Istati Membri kollha ta' Schengen (inklużi l-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija), kif ukoll l-erba' Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen. Din tinkludi wkoll l-Irlanda u r-Renju Unit jekk jiddeċiedu li jallinjaw ruħhom.

³ Ir-Renju Unit ġie mħeġġeġ ukoll jimplimenta din ir-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar temporanju, iżda ddeċieda li ma jagħmilx hekk. Billi ċ-ċittadini tar-Renju Unit, sa tmien il-perjodu ta' tranżizzjoni, għadhom iridu jiġu ttrattati bl-istess mod bħaċ-ċittadini tal-UE, dawn huma eżentati mir-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar.

⁴ COM(2020) 148, 8 ta' April 2020, u COM(2020) 222, 8 ta' Mejju 2020.

⁵ COM(2020) 399, 11 ta' Ġunju 2020.

⁶ COM(2020) 287, 26 ta' Ġunju 2020.

⁷ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 tat-30 ta' Ġunju 2020 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni.

⁸ C(2020) 9607 final.

⁹ COM(2021) 35 final.

notevoli, dak li normalment isir f'għaxar snin inkiseb f'għaxar xhur u bi tqassim rapidu tat-tilqim tal-massa, miljuni ta' Ewropej issa se jitlaqqmu kontra l-COVID-19.

Madankollu, filwaqt li l-infezzjonijiet jibqgħu jiżdiedu u sakemm it-tilqim isir fuq skala meħtieġa biex jiġi invertit l-andament tal-pandemija, se jkun hemm bżonn ta' viġilanza kontinwa, miżuri ta' konteniment u kontrolli tas-saħħa pubblika. L-UE u l-Istati Membri jridu jaġixxu issa biex irażżnu r-riskju ta' tielet mewġa ta' infezzjonijiet potenzjalment aktar ħarxa, ikkaratterizzata minn varjanti ġodda aktar trażmissibbli tal-virus, li diġà huma preżenti madwar l-Ewropa.

Dawn il-varjanti ġodda tal-virus¹⁰ huma kawża reali u serja ta' tħassib. Filwaqt li bħalissa ma hemm l-ebda evidenza li dawn jikkawżaw mard aktar serju, il-varjanti jidhru li huma bejn 50–70 % aktar trażmissibbli¹¹. Dan ifisser li l-virus jista' jinfirex b'mod aktar faċli u aktar malajr, u b'hekk jiżdied il-piż fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa li diġà mgħobbija żżejjed. Din x'aktarx li waħda mir-raġunijiet għaż-żidiet sostanzjali fil-każijiet fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri matul dawn l-aħħar ġimgħat.

B'riżultat ta' dan, l-ivvjaġġar se jkompli jippreżenta sfida partikolari. L-ivvjaġġar mhux essenzjali kollu, speċjalment lejn u minn żoni ta' riskju għoli, jenħtieġ li jiġi skoraġġut ħafna sakemm is-sitwazzjoni epidemjoloġika tkun tjiebet b'mod konsiderevoli.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din ir-rakkomandazzjoni sservi biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika, jiġifieri t-tweġġ ta' kontrolli fuq persuni u l-monitoraġġ effiċjenti tal-qsim tal-fruntieri esterni.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din ir-rakkomandazzjoni hija konformi ma' politiki oħra tal-Unjoni, fosthom dawk dwar ir-relazzjonijiet esterni u s-saħħa pubblika.

Il-kriterji fir-Rakkomandazzjoni jirreferu għar-rata medja ta' notifiċa ta' 14-il jum tal-UE tal-15 ta' Ġunju 2020 filwaqt li r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, adottata fit-13 ta' Ottubru 2020, tuża kriterji addizzjonali, jiġifieri r-rata tal-ittestjar u r-rata ta' testijiet b'riżultat pożittiv.

Il-kriterji użati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2020 jirriflettu l-aktar parir xjentifiku reċenti, u jenħtieġ li r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE tiġi riveduta bl-istess mod. Id-differenzi bejn id-dritt għall-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE u r-residenti fit-tul tal-UE minn naħa, u l-ivvjaġġar minn pajjiżi terzi min-naħa l-oħra, ma jippermettux li l-limiti stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-13 ta' Ottubru jiġu applikati awtomatikament. Madankollu, il-kriterji u l-proċeduri stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-13 ta' Ottubru jistgħu jipprovdu ispirazzjoni utli wkoll fil-kuntest preżenti.

¹⁰ Il-varjanti "B.1.17" u "501Y.V2".

¹¹ Valutazzjoni tar-Riskju tal-ECDC: Riskju relatat mat-tixrid ta' varjanti ġodda tas-SARS-CoV-2 ta' tħassib fl-UE/fiż-ŻEE.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-punti (b) u (e) tal-Artikolu 77(2) u l-ewwel u t-tieni sentenza tal-Artikolu 292, tiegħu.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-Artikolu 292 TFUE jippermetti lill-Kunsill jadotta rakkomandazzjonijiet. Skont l-ewwel sentenza ta' din id-dispożizzjoni, il-Kunsill għandu jadotta rakkomandazzjonijiet, u skont it-tieni sentenza ta' din id-dispożizzjoni, il-Kunsill għandu jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni fil-każijiet kollha fejn it-Trattati jistipulaw li għandu jadotta atti fuq proposta mill-Kummissjoni.

Dan japplika fis-sitwazzjoni attwali, billi approċċ konsistenti fil-fruntiera esterna jeħtieġ soluzzjoni komuni. L-Artikolu 77(2)(b) TFUE jipprevedi miżuri dwar kontrolli fuq persuni li jaqsmu l-fruntieri esterni, filwaqt li l-Artikolu 77(2)(e) TFUE jipprevedi n-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq persuni, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, meta jaqsmu l-fruntieri interni. Il-miżuri fuq il-bażi tal-Artikolu 77(2) TFUE jridu jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja. Skont l-Artikolu 289(1) TFUE, il-proċedura leġislattiva ordinarja ssir bi proposta mill-Kummissjoni.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta tqis is-sitwazzjoni epidemjoloġika li qed tevolvi u l-evidenza rilevanti kollha disponibbli. L-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen jibqgħu responsabbli għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill proposta. Għalhekk, il-proposta hija xierqa biex jintlaħaq l-oġettiv maħsub u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ u proporzjonat.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta għandha l-għan li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2020/912. Dan l-għan jeħtieġ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill oħra.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta tqis id-diskussjonijiet mal-Istati Membri minn mindu ġew implimentati l-ewwel restrizzjonijiet temporanji. Ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt għalkemm il-proposta tqis is-sitwazzjoni epidemjoloġika li qed tevolvi u l-evidenza rilevanti kollha disponibbli.

- **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

L-ebda.

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni u li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2)(b) u (e) u l-ewwel u t-tieni sentenza tal-Artikolu 292, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-30 ta' Ġunju 2020, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni¹².
- (2) Il-kriterji stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 jirreferu għar-rata medja ta' notifika ta' 14-il jum tal-UE tal-15 ta' Ġunju 2020. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, adottata fit-13 ta' Ottubru 2020, tuża kriterji addizzjonali li jirriflettu l-aktar parir xjentifiku reċenti¹³.

Varjanti ġodda tal-virus SARS COV-2 huma raġuni serja għat-tħassib. Il-varjanti jidhru li huma bejn 50–70 % aktar trażmissibbli¹⁴ u jżidu l-piż fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa.

Għalhekk jenħtieġ li jiġu aġġornati l-kriterji u l-limiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2020/912.
- (3) Fit-22 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni rreaġixxiet għat-tfaċċar ta' wieħed minn dawn il-varjanti billi adottat ir-Rakkomandazzjoni dwar approċċ ikkoordinat għall-ivvjaġġar u t-trasport bi tweġiba għall-varjant tas-SARS-COV-2 innutat fir-Renju Unit¹⁵.
- (4) Fid-19 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar front magħqud biex negħlbu l-COVID-19 appellat għal azzjoni urġenti biex jitrażżan ir-riskju ta' tielet mewġa ta' infezzjonijiet potenzjalment aktar ħarxa.

¹² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 tat-30 ta' Ġunju 2020 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni (ĠU L 208, 1.7.2020, p. 1).

¹³ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1475 tat-13 ta' Ottubru 2020 dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 337, 14.10.2020, p. 3).

¹⁴ Valutazzjoni tar-Riskju tal-ECDC: Riskju relatat mat-tixrid ta' varjanti ġodda ta' tħassib tas-SARS-CoV-2 fl-UE/fiż-ŻEE, tinsab hawnhekk: <https://www.ecdc.europa.eu/en/publications-data/covid-19-risk-assessment-spread-new-sars-cov-2-variants-eueea>

¹⁵ C(2020) 9607 final.

- (5) Fl-istess Komunikazzjoni, il-Kummissjoni enfasizzat ukoll li jenħtieġ li l-ivvjaġġar mhux essenzjali kollu, speċjalment lejn u minn żoni ta' riskju għoli, jiġi skoraġġut ħafna sakemm is-sitwazzjoni epidemjoloġika tkun tjiebet b'mod konsiderevoli.
- (6) Fil-21 ta' Jannar 2021, iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard ħareġ l-aħħar valutazzjoni tar-riskju tiegħu dwar it-tixrid tal-varjanti l-ġodda tas-SAR-CoV-2 ta' tħassib fl-UE/ŻEE¹⁶, fejn irrakkomanda l-adozzjoni ta' miżuri aktar stretti u ta' gwida dwar l-evitar tal-ivvjaġġar mhux essenzjali, inkluż bl-għan li jitnaqqsu l-importazzjoni u t-tixrid tal-varjanti l-ġodda ta' tħassib tas-SARS-CoV-2. Minbarra r-rakkomandazzjonijiet kontra l-ivvjaġġar mhux essenzjali, u r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar għal daww infettati, jenħtieġ li jinżammu miżuri tal-ivvjaġġar bħall-ittestjar u l-kwarantina tal-vjaġġaturi, b'mod partikolari għall-vjaġġaturi minn żoni b'inċidenza ogħla tal-varjanti l-ġodda. Jekk is-sekwenzjar ikun għadu insuffiċjenti biex jeskludi l-possibbiltà ta' inċidenza ogħla tal-varjanti l-ġodda, skont il-gwida taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard dwar is-sekwenzjar ġenomiku, jenħtieġ li jitqiesu wkoll miżuri proporzjonati tal-ivvjaġġar minn żoni fejn hemm livell għoli kontinwu ta' trażmissjoni komunitarja.
- (7) Fil-konklużjonijiet orali li ħarġu wara l-vidjokonferenza tal-membri tal-Kunsill Ewropew tal-21 ta' Jannar 2021, il-President tal-Kunsill Ewropew innota li jistgħu jkun meħtieġa miżuri li jirrestrinġu l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u fl-UE biex titrażżan il-firxa tal-virus u appella lill-Kunsill biex jirrevedi r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar l-ivvjaġġar intra-UE u l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE fid-dawl tar-riskji maħluqa mill-varjanti l-ġodda tal-virus.
- (8) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Ladarba din ir-Rakkomandazzjoni tibni fuq l-acquis ta' Schengen, id-Danimarka, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, trid tiddeċiedi, fi żmien perjodu ta' sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din ir-Rakkomandazzjoni jekk hijiex tkunx se timplimentaha.
- (9) Din ir-Rakkomandazzjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tiegħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE¹⁷; Għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni tagħha u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (10) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, din ir-Rakkomandazzjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' daww iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, koperti mill-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt A, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE¹⁸.
- (11) Fir-rigward tal-Iżvizzera, din ir-Rakkomandazzjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-

¹⁶ Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard. Riskju relatat mat-tixrid ta' varjanti ġodda ta' tħassib tas-SARS-CoV-2 fl-UE/fiż-ŻEE, l-ewwel aġġornament—21 ta' Jannar 2021. ECDC: Stokkolma; 2021. Jinsab hawnhekk: <https://www.ecdc.europa.eu/sites/default/files/documents/COVID-19-risk-related-to-spread-of-new-SARS-CoV-2-variants-EU-EEA-first-update.pdf>

¹⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tiegħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

¹⁸ ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen koperti mill-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt A, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE¹⁹ moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE²⁰.

- (12) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din ir-Rakkomandazzjoni tikkostitwixxi żvilupp ta' dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, koperti mill-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt A tad-Deċiżjoni 1999/437/KE²¹, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2011/350/UE²²,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni²³ hija emendata kif ġej:

1. It-tieni paragrafu tal-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Sabiex jiġu ddeterminati l-pajjiżi terzi li r-restrizzjoni attwali fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE għalihom jenħtieġ li titneħħa, jenħtieġ li titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika fil-pajjiżi terzi rispettivi u l-kriterji ulterjuri kif stabbiliti f'din ir-Rakkomandazzjoni.”

2. Il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Fir-rigward tas-sitwazzjoni epidemjoloġika, jenħtieġ li japplikaw il-kriterji li ġejjin:

- ir-“rata kumulattiva fuq 14-il jum tan-notifiki tal-każijiet ta' COVID-19”, jiġifieri, l-għadd totali ta' każijiet ta' COVID-19 ġodda nnotifikati għal kull 100 000 abitant matul l-14-il jum preċedenti;
- ir-“rata tal-ittestjar”, jiġifieri, l-għadd ta' testijiet għall-infezzjoni tal-COVID-19 għal kull 100 000 abitant imwettqa matul is-sebat ijiem preċedenti;
- ir-“rata ta' testijiet b'riżultat pożittiv”, jiġifieri, il-perċentwal tat-testijiet b'riżultat pożittiv minn fost it-testijiet kollha għall-infezzjoni tal-COVID-19 imwettqa matul is-sebat ijiem preċedenti;

¹⁹ ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

²⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

²¹ ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

²² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

²³ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 tat-30 ta' Ġunju 2020 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni (ĠU L 208, 1.7.2020, p. 1).

- in-natura tal-virus preżenti fil-pajjiż, b'mod partikolari jekk instabux varjanti ta' tħassib tal-virus. Varjanti ta' tħassib huma varjanti identifikati bħala tali miċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) jew mill-awtoritajiet tal-Istati Membri b'mod ikkoordinat.

Biex jiġu inklużi fl-Anness I, jenħtieġ li l-pajjiżi terzi jissodisfaw il-limiti li ġejjin: rata kumulattiva fuq 14-il jum tan-notifiki tal-każijiet ta' COVID-19 ta' mhux aktar minn 25, rata ta' ttestjar oġġla minn 300, u rata ta' testijiet b'riżultat pożittiv ta' mhux aktar minn 4 %."

3. Il-Punt 4 huwa emendat kif ġej:

- a) It-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar jistgħu jitneħħew jew jiġu introdotti mill-ġdid totalment jew parzjalment għal pajjiżi ta' speċifiku diġà elenkat fl-Anness I, skont il-bidliet f'xi wħud mill-kundizzjonijiet stabbiliti hawn fuq u, b'konsegwenza, fil-valutazzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika. Jenħtieġ li t-teħid rapidu tad-deċizzjonijiet jiġi applikat f'każ li s-sitwazzjoni f'pajjiżi terzi teħżien malajr, u b'mod partikolari, meta tinstab inċidenza għolja ta' varjanti ta' tħassib tal-virus."

- b) Jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Sabiex titneħħa r-restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE fir-rigward tal-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I, jenħtieġ li l-Istati Membri, fuq bażi ta' każ b'każ, jikkunsidraw ir-reċiproċità mogħtija liż-żona UE+."

4. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 4:

"Jenħtieġ li l-Istati Membri jiskoraġġixxu bil-qawwa l-ivvjaġġar mhux essenzjali miż-żona tal-UE+ lejn pajjiżi oħra minbarra daww elenkati fl-Anness I."

5. Il-punti li ġejjin jiġu nnumerati mill-ġdid kif meħtieġ.

6. Il-punt 6 l-ġdid huwa emendat kif ġej:

- a) It-tieni paragrafu jithassar.
- b) L-aħħar paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-lista ta' kategoriji speċifiċi ta' vjaġġaturi b'funzjoni jew hteġa essenzjali msemmija fl-Anness II tista' tiġi riveduta mill-Kunsill, abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni, skont konsiderazzjonijiet soċjali u ekonomiċi kif ukoll skont il-valutazzjoni kumplessiva tal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika, abbażi tal-metodoloġija, il-kriterji u l-informazzjoni msemmija hawn fuq."

7. Il-punt 7 l-ġdid huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrikjedu li l-persuni li jivvjaġġaw għal raġuni, funzjoni jew hteġa essenzjali jew mhux essenzjali, bl-eċċezzjoni tat-trasport u l-ħaddiema transfruntiera, ikunu rriżultaw negattivi għall-COVID-19 abbażi ta' test tar-reazzjoni katina bil-polimerażi (PCR) li jkun sar mhux qabel 72 siegħa qabel it-tluq, u li jippreżentaw il-prova xierqa ta' tali riżultat tat-test fil-forma stipulata mill-awtoritajiet.

Jenħtieġ li l-persuni msemmijin fil-punt 6 (a) u (b) ikollhom il-possibbiltà li jagħmlu t-test wara l-wasla. Dan huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu li wieħed jgħaddi minn kwalunkwe miżura ulterjuri, inkluża l-kwarantana, wara l-wasla.

Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu awtoiżolament, kwarantina u traċċar tal-kuntatti għal perjodu ta' mhux aktar minn 14-il jum, kif ukoll ittestjar ulterjuri għall-COVID-19 kif meħtieġ matul l-istess perjodu, dment li jimponu l-istess rekwiżiti fuq iċ-ċittadini tagħhom stess meta jivvjaġġaw mill-istess pajjiż terz tal-orijini. Għal dawk il-vjaġġaturi li jaslu minn pajjiż terz fejn ikun instab varjant tal-virus ta' tħassib, jenħtieġ li l-Istati Membri jimponu tali rekwiżiti u b'mod partikolari, il-kwarantina mal-wasla u ttestjar addizzjonali mal-wasla jew wara.

Fir-rigward tal-ivvjaġġar li jsir b'konnessjoni ma' funzjoni jew ħtieġa essenzjali kif stabbilit fl-Anness II:

- L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, b'mod ikkoordinat, li jirrinunzjaw għal xi wħud mill-miżuri ta' hawn fuq jew għal kollha kemm huma f'dawk il-każijiet fejn tali miżura timpedixxi l-iskop proprju tal-vjaġġ;
- Għall-ħaddiema tat-trasport u l-ħaddiema transfruntiera, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jirrikjedux aktar minn Testijiet tal-Antiġeni Rapidi negattivi mal-wasla biex jidħlu fiż-żona UE+;
- Jenħtieġ li l-ekwipaġġi tal-ajru jiġu eżentati minn kwalunkwe ttestjar jekk is-soġġorn tagħhom f'pajjiż terz kien ta' inqas minn 12-il siegħa, sakemm ma jaslux minn pajjiż terz fejn ikun instab varjant ta' tħassib, u f'dak il-każ ikun jenħtieġ li jagħmlu testijiet proporzjonati.

Dan huwa mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ġenerali tas-saħħa pubblika li jistgħu jiġu imposti mill-Istati Membri bħal tbeġħid fiżiku u r-rekwiżit li tintlibes maskra.”

8. Il-punt il-ġdid li ġej jiddaħħal wara l-punt 7:

“Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrikjedu li persuni li jidħlu fl-UE jippreżentaw Formola tal-Lokalizzazzjoni tal-Passiġġieri (PLF) f'konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data applikabbli. Jenħtieġ li tiġi żviluppata Formola Ewropea Komuni tal-Lokalizzazzjoni tal-Passiġġieri għall-użu possibbli mill-Istati Membri. Kull meta jkun possibbli, jenħtieġ li tintuża opzjoni diġitali għall-informazzjoni tal-lokalizzazzjoni tal-passiġġieri sabiex jiġi ssimplifikat l-ipproċessar u jitħaffef it-traċċar tal-kuntatti, filwaqt li jiġi żgurat aċċess ugwali għaċ-ċittadini kollha tal-pajjiżi terzi.”

9. Il-punti li ġejjin jiġu nnumerati mill-ġdid kif meħtieġ.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*